MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 586/2010

**Francis Cutajar (ID 316366(M)) u martu Mary Cutajar (ID 187265(M)) flimkien ma' Peter Paul Cutajar (ID 195660(M)) u martu Josette Cutajar (ID 502771(M)).**

**vs**

**Mariano, Joseph u Publiju ahwa Farrugia, detenturi tal-karta tal-identita` numru 311155(M), 155852(M) u 455448(M) rispettivament.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Mariano Farrugia et datat 15 ta' Dicembru 2010 a fol. 135 tal-process fejn espona:-

Illi kif diga` gie rilevat quddiem din l-Onorabbli Qorti, bi zvista l-eccezzjonijet relatati ma’ din il-kawza kienu dahlu f’ kawza ohra bl-istess okkju pero’ b’numru differenti.

Illi kwantu jirrigwarda din r-risposta, il-konvenuti kienu gabu n-notifika tar-rikors guramentat fl-ufficcju tal-Avukat sottofirmat li min-naha tieghu kien mill-ewwel ha hsieb sabiex jigu formolati l-eccezzjonijiet ghat-talba.

Illi din il-pendenza ilha tkarkar is-snin. Originarjament kienet giet intavolata kawza ta’ spoll mir-rikorrenti odjerni liema spoll kien gie deciz favur taghhom anke fi stadju ta’ appell.

Illi sussegwentement, u dan snin wara, l-intimati odjerni kienu ntavolaw talba quddiem il-Qorti liema talba kienet giet kancellata ghal ragunijiet procedurali. Dan kien ir-rikors bin-numru 1197/09 JA li mbaghad kien segwit bir-rikors guramentat 594/10 RCP.

Illi r-rikorrenti odjerni dejjem hadu hsieb sabiex jikkontestaw it-talbiet u dan kif jirrizulta mill-varji processi u kif jista’ jigi stabbilit waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors.

Illi tlestiet ir-risposta, li kienet differenti minn dik tal-kawza 1194/09 JA u ntbaghtu ghall-prezentata. Il-PL tal-Avukat sottofirmat hija Nicholette Aquilina li dak in-nhar, li kien l-Erbgha, ma kinitx f’postha. Sar kalkolu u peress illi l-assunzjoni kienet li t-terminu kien jeskadi l-ghada, l-Hamis, din ma gietx presentata.

Illi l-ghada, r-risposta ttellghet ghall-prezentata u peress illi l-PL Nicholette Aquilina ma tkunx fil-bini tal-Qorti, giet mghoddija, lil PL Hilda Ellul Mercer, li tat firma di favore.

Illi kien biss wara li din l-Onorabbli Qorti ddegretat li tghati dawk il-provedimenti opportuni wara li tara r-risposta tal-konvenuti li sar maghruf li r-risposta fil-kawza 594/10 RCP ma kinitx in atti.

Illi minn tiftix li sar fir-Registru rrizulta li din ir-risposta kienet ghadha pendenti u r-raguni kienet li n-numru ndikat kien jirreferi ghal kawza kancellata.

Illi *in vista* ta’ dan kien gie pprezentat rikors sabiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-korrezzjoni fl-okkju u cioe` n-numru u sabiex tinghata l-fakolta` li dawn l-eccezzjonijiet jigu pprezentati fl-atti tal-kawza bin-numru 594/10 RCP. Illi in segwitu ghal dan ir-rikors, giet presentata risposta da parti tal-konvenuti odjerni ghall-istess li permezz tieghu irrilevaw illi r-risposta kienet tardiva.

Illi kien f’dan l-istadju li gie nnutat l-izball.

Ghaldaqstant, l-esponenti, *in vista* tal-fatt illi l-intenzjoni tal-konvenuti kienet minn dejjem li joggezzjonaw ghat-talbiet rikorrenti, u dan kif jirrizulta mill-agir taghhom fid-diversi istanzi legali fejn dejjem opponew u mxew mat-termini imposti mil-ligi, umilment jissottomettu, *ai termini* tal-**artikolu 728 tal-Kap 12**, illi anke f’dawn il-proceduri, l-intenzjoni taghhom kienet dejjem illi jopponu ghat-talbiet rikorrenti u li din l-intenzjoni taghhom hija manifestata fil-fatt innifsu illi huma accedew fl-ufficini ta’ Avukat u nkarigawh sabiex jipprezenta dawk l-eccezzjonijiet necessarji u opportuni ghal liema raguni, u dan *in linea* mal-prassi legali kif esposta fl-elenku li qed jigi anness separatament ma’ dan ir-rikors, huma ghandhom jinghataw il-fakolta` li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom u dan ghar-ragunijet premessi u dan taht dawk il-provedimenti li din l-Onrabbli Qorti jidhirla xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-atturi Francis Cutajar et datata 18 ta’ Jannar 2011 a fol    tal-process fejn esponew: -

1. Illi din hija risposta ghar-rikors tal-konvenuti tal-15 ta’ Dicembru 2010.

2. Illi sa issa din hija kawza wahda minn tlieta bejn l-esponenti u l-konvenuti rigward l-istess bicca art fiz-Zurrieq li l-esponenti xtraw b’titolu oneruz minghand terzi

u li kagun tal-indhil infondat tal-intimati ghadha sallum ma tistax tigi zviluppata mill-esponenti.

3. Illi l-ewwel kawza kienet giet intavolata mill-ahwa Farrugia kontra l-esponenti fit-termini ta’ kawza ta’ spoll pero’ ghad illi l-intimati Farrugia fir-rikors taghhom jiccitaw din il-kawza il-vertenza dwar l-ispoll ma ghandha ebda rilevanza f’dan il-kuntest fejn il-kwistjoni hija wahda dwar titolu. Kif taf tajjeb din l-Onorabbli Qorti ezitu favorevoli ghal parti f’kawza ta’ spoll ma ghandu ebda piz u konfort ghal dik l-istess parti f’kawza rivendikatorja.

4. Illi in segwitu l-esponenti intavolaw proceduri ohra u senjatament kawza identika ghal dik odjerna sabiex jirrivendikaw il-propjeta` li kienu ghadhom kif akkwistaw validament minghand is-sidien (li kienu terzi persuni, u mhux l-ahwa Farrugia). Li gara f’dawk il-proceduri kien illi meta intbaghat l-avviz ghall-ewwel dehra dan gie notifikat biss lill-intimati Farrugia u l-esponenti qatt ma kienu gew notifikati bl-istess avviz. Konsegwentement la l-esponenti u lanqas l-avukat taghhom ma kienu jafu bl-appuntament tal-ewwel dehra fil-kawza numru 1194/09JA u naturalment ghal din l-ewwel dehra tfaccaw biss l-intimati u l-avukat taghhom. Dak li ma jghidux l-intimati fir-rikors taghhom tal-15 ta’ Dicembru 2010 huwa illi f’dik l-ewwel dehra tal-kawza 1194/09JA l-intimati talbu l-kancellament tal-kawza 1194/09JA (ara verbal hawn anness bhala **Dokument** ‘A’) minkejja li l-esponenti qatt ma kienu gew notifikati bid-data tas-smigh (ara kopja tar-referta negattiva hawn annessa bhala **Dokument ‘B’).** Difatti meta l-esponenti intebhu b’dan kollu kienu diga’ ghaddew l-ghaxart ijiem sabiex jaghmlu t-talba ghar-riappuntament tal-kawza. L-esponenti intebhu b’dan kollu biss billi hadu l-inizjattiva li jaghmlu indagni fir-Registru tal-Qorti wara li raw li kien ghaddej iz-zmien u baqghu qatt ma rcevew avviz mill-Qorti ghall-ewwel dehra. Kienet b’din il-manuvra abbuziva illi l-kawza numru 1194/09JA spiccat ikkancellata minn fuq il-lista u l-esponenti kellhom jergghu jintavolaw il-proceduri mill-gdid - *ergo* n-necessita’ tal-proceduri odjerni. Stramba kif l-intimati kienu tant drakonjani mal-esponenti meta talbu l-kancellament f’cirkostanzi fejn ma kien hemm l-ebda lok li jsehh kancellament u issa qieghdin jilaghbuha

tal-‘hmar il-maghkus’! Fil-fatt ma hemmx fiex wiehed jinfixel ghax minn dan kollu jirrizulta ben car illi jekk hemm xi hmar li qed jigi maghkus mill-parti l-ohra dan huma bla dubju l-esponenti li minbarra li ghadhom sallum mhux qed igawdu l-propjeta’ taghhom diga’ ilhom aktar minn sena li ntavolaw l-ewwel proceduri rivendikatorji u dawn il-Qrati ghadhom lanqas biss bdew jikkunsidraw il-mertu tal-kawza minhabba l-agir malizzjuz (fl-ewwel kawza) u grossolanament negligenti (fit-tieni kawza) tal-intimati. Dan biex ma jissemmewx ukoll is-seduti sa issa mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn l-intimati mhux l-ewwel darba li gew sprovvisti minn avukat jew ma dehrux.

5. Illi l-kontenzjoni tal-intimati hija li huma ghamlu zball ta’ kalkolu u kien minghalihom li r-risposta guramentata fil-kawza odjerna kellha tigi pprezentata mhux aktar tard mid-9 ta’ Lulju 2010 meta fil-fatt din kellha tigi intavolata sat-8 ta’ Lulju 2010, u illi dakinhar tat-8 ta’ Lulju 2010 huma ittentaw jaghmlu tali prezentata izda ma rnexxielhomx billi l-prokuratur legali li s-soltu taqdi lill-istess Avukat ma kinitx f’postha fir-Registru.

6. Illi fir-realta’ dawn huma kollha skuzi inattendibbli *stante* illi r-responsabbilta’ hija fuq kull intimat illi meta jircievi rikors guramentat huwa jaqra tajjeb l-avviz li bih jibda u jara li jikkalkula tajjeb l-20 gurnata biex fihom idahhal ir-risposta tieghu. Kien jinkombi fuq l-intimati li jaraw li r-risposta guramentata taghhom tigi pprezentata sat-8 ta’ Lulju 2010 izda dan ma ghamluhx. Fil-verita’ l-intimati setghu kieku riedu jivverifikaw mar-registru stess meta kienu hemm fit-8 ta’ Lulju 2010 u jaccertaw ruhhom jekk it-terminu kienx tassew jiskadi l-ghada izda dan ma ghamluhx. L-intimati setghu wkoll jipprezentaw l-att gudizzjarju billi jutilizzaw prokuratur legali iehor, izda mill-gdid dan ma ghamluhx. Terga’, peress li l-intimat Publius Farrugia (skont ma jghid huwa stess fl-affidavit tieghu) kien prezenti fir-registru qabel nofsinhar fit-8 ta’ Lulju 2010, seta’ facilment jiehu l-gurament quddiem ir-Registratur tal-Qorti u jipprezenta r-risposta guramentata minghajr il-htiega ta’ prokuratur legali. Izda minn dan kollu l-intimati ma ghamlu xejn. Fid-dawl ta’ dan kollu ma

jirriskontrawx cirkostanzi idonei biex tigi gustifikata l-kontumacja tal-intimati.

7. Illi l-estremi tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja kif infissra fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 1937 fil-kawza fl-ismijiet **Vittoria Cassar** vs **Carmelo Vassallo** (Vol. XXIX.i.1581) ma jkoprux il-fattispecje tal-kaz odjern peress illi l-intimati ma ghandhom ebda skuzanti jekk ikkalkolaw it-terminu ta' ghoxrin gurnata hazin, u jekk kien hemm xi impediment minhabba li l-prokuratur legali li s-soltu jaqdi lill-avukat li jippatricinahom ma kenitx f'postha dan ma kienx impediment invincibbli ghaliex kif diga' inghad aktar 'il fuq lanqas ma kien hemm bzonn ta' prokuratur legali peress illi l-intimat Publius Farrugia kien prezenti personalment fir-registru fid-data meta kien jiskadi t-terminu u seta' jipprezenta l-att minghajr diffikulta' ta' xejn. Kwindi n-nuqqas li tigi pprezentata r-risposta guramentata kien jammonta ghal xejn anqas minn negligenza grossolana u kolpa min-naha tal-intimati. Terga' l-intimat Publius Farrugia lanqas ha l-gurament fuq l-att gudizzjarju sad-data li fih kien jiskadi t-terminu (8 ta' Lulju 2010) u dan minkejja li kien prezenti fir-registru tal-Qorti - fil-fatt ir-risposta guramentata giet mahlufa fl-istess data li fiha giet ipprezentata, u cioe' tardivament fid-9 ta' Lulju 2010 - ara kopja hawn annessa bhala Dokument "C".

8. Illi l-esponenti jaghmlu referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** (kopja annessa bhala Dokument "D") fejn gie deciz illi l-kontumacja tal-konvenuti f'dik il-kawza ma kinitx gustifikabbli minkejja illi dawn kienu urew li kellhom intenzjoni jikkontestaw il-kawza u minkejja illi r-risposta guramentata ma kinitx giet ipprezentata minhabba l-assenza tal-avukat taghhom. L-esponenti jissottomettu illi ghall-fattispecje tal-kaz odjern japplikaw l-istess argumenti tas-sentenza appena citata - anzi fil-kaz odjern l-intimati ma kienux sprovvisti mill-avukat tal-fiducja taghhom u ma kellhomx bzonn ta' prokuratur legali kif diga' inghad. L-intimati ma kellhomx ghalfejn ihallu ghall-ahhar biex jipprezentaw ir-risposta guramentata,

specjalment jekk din kienet kwazi identika ghal dik li kienu dahhlu fil-kawza li giet ikkancellata ad istanza taghhom - ara sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Computer Evolution Centre Ltd** vs **Godwin Schembri** rigward tardivita'.

9. Illi terga' u tghid l-intimati jidher li huma kostantement negligenti *stante* illi r-rikors taghhom tal-15 ta' Dicembru 2010 gie ghal darb'ohra intavolat b'indikazzjoni zbaljata tan-numru tal-kawza - u cioe' 594/10 minflok 586/10 - u anke fil-premessi tal-istess rikors jissemma' kostantement il-594/2010. Anke fl-affidavit tal-Avukat Joseph Sammut anness mar-rikors tal-15 ta' Dicembru 2010, kif ukoll fl-istess rikors, jinghad kostantement li l-intimati tfixklu billi dahhlu r-risposta guramentata fl-atti tal-kawza numru 1197/09 u dan meta l-kawza li ggib dan in-numru fil-fatt m'hijiex kawza bejn il-partijiet fil-kawza odjerna. Jidher li l-intimati ma tghallmux wara n-negligenza grossolana li wrew meta gew biex jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom.

10. Illi mill-gurisprudenza nostrana johrog illi 'f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il- "culpa" u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex *"qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire"* **(Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia,** deciza fis-16 ta' Frar 1996 mill-Qorti tal-Appell)'.

11. Illi kollox ma' kollox jidher li kienet it-traskuragni tal-intimati li gabithom fis-sitwazzjoni li qeghdin fiha llum u dan l-atteggjament zgur li ma huwiex wiehed li jikkombacja mar-rispett lejn din l-Onorabbli Qorti u certament ghalhekk ma jiggustifikax it-tardivita' fil-prezentata tar-risposta guramentata min-naha tal-intimati.

12. Illi *inoltre* gie diversi drabi ritenut illi 'l-Qorti tqis il-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva necessarja sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti, pero' minhabba s-sanzjonijiet spiss irriversibbli, li timporta, r-

rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u nterpretata b'mod ristrettiv' **(Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et -** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 1997).

13. Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu illi l-intimati ma gabu ebda raguni valida bizzejjed biex tiggustiflka l-istat kontumaci taghhom u biex tintlaqa' t-talba taghhom permezz tar-rikors tal-15 ta' Dicembru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tas-seduta tad-9 ta' Frar 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Joseph Sammut ghall-intimati u Dr. Sarah Grima ghall-atturi. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghal decizjoni dwar gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenuti Farrugia ghall-5 ta' Mejju 2011

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija decizjoni limitata ghat-talba ghal gustifikazzjoni ta' kontumacja da parte tal-intimati u dan peress li huma qed isostnu li huma ma pprezentawx ir-risposta guramentata fit-terminu ndikat minhabba li ghalkemm marru ghand l-avukat ta' fiducja taghha malli rcevew l-atti ta' din il-kawza, u huwa pprepara l-istess, inghataw mill-istess difensur legali taghhom Dr. Joseph Sammut id-data tat-8 ta' Lulju 2010 sabiex jipprezentaw l-istess risposta guramentata fir-Registru; fil-fatt Publius Farrugia mar f'dik il-gurnata kif qallu l-avukat sabiex jistenna lill-istess avukat f'hin partikolari, izda l-avukat ittardja u meta gie sabu li l-P.L. Nicholette Aquilina ma kienitx hemm, u allura kien l-istess avukat li dderiga lill-intimati sabiex ma jipprezentawx r-risposta guramentata dak in-nhar izda fid-9 ta' Lulju 2010, b'dan allura li l-istess avukat ikkalkula li t-terminu ta' 20 gurnata ghall-prezentata tal-istess kien jiskadi l-ghada; fil-verita' hekk sar izda jirrizulta li dan il-kalkolu kien zbaljat ghaliex it-terminu ghall-prezentata tar-

risposta guramentata kien jiskadi gurnata qabel, u b'dan indunaw biss fl-atti ta' din il-kawza, ghaliex li kien gara kien li r-risposta ma dahlitx f'dan il-process, ghaliex jirrizulta li bi svista xorta wahda tnizzel fuq ir-risposta numru hazin tal-kawza, cjoe' dak 1197/09/JA, li kienet kawza bejn l-istess partijiet, li kienet giet ikkancellata, u meta sar allura rikors sabiex dik ir-risposta tigi nserita f'din il-kawza, bil-korrezzjoni tan-numru li kien hemm ghan-numru ta' din il-kawza, l-parti l-ohra eccepiet li l-prezentata tal-istess risposta hija tardiva, ghaliex kienet notifikata fit-18 ta' Gunju 2010 (a tergo fol. 9) u allura t-terminu ghall-prezentata tal-istess kien jiskadi fit-8 ta' Lulju 2010.

Illi fil-fatt jirrizulta li effettivament meta l-konvenuti ndunaw li r-risposta guramentata taghhom ma kinitx fil-process huma intovalaw rikors datat 29 ta' Ottubru 2010 (fol. 126) fejn huma kkontendew li dan sehh ghaliex nizzlu n-numru tal-kawza bhala dak 1194/09 minflok dak 586/09. Minkejja li dan gie oppost mil-atturi odjerni b'risposta relattiva, jirrizulta mix-xhieda ta' Emmanuel Scriha, Assistent Registratur, li l-konvenuti kienu pprezentaw risposta fl-atti tal-kawza 1194/09 (ara xhieda 9 ta' Dicembru 2010) fid-9 ta'Lulju 2010 (Dok. "JS 1") u dan gie dokumentat minn din il-Qorti fis-seduta tal-istess data (fol. 125) ghalkemm ovvjament kellu jigu michud tali rikors minhabba li rrizulta li tali risposta guramentata hekk bin-numru zbaljat kienet prezentata tardivament, u ghalhekk sar ir-rikors odjern. Dan kollu jinsab ikkonfermat mill-affidavit ta' Dr. Joseph Sammut datat 15 ta' Dicembru 2010 u bhala fatt jirrizulta li dan kollu huwa minnu.

Illi fis-sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Victoria Cassar vs Carmelo Cassar"** – A.I.C. – 29 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581), u **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** ((JSP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999), u affermat fis-sentenzi fl-ismijiet **"Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar"** (Q.C. (S.F) (RCP) 16 ta' Marzu 2005) u **"General Precast Concrete Limited vs Penza Construction Limited"** (P.A. (RCP) – 16 ta' Marzu 2006) u diversi

sentenzi ohra il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili."*

8. L-impossibbilta' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

9. **(Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).**

*"Dawn il-principji ghandhom pero' jigu applikati fl-isfond tas-segwenti nsenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta' l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita' tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' taghha*" (*vide* **"Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et"** deciza P.A. (RCP) 21 ta' April 1999 – Cit. Nru. 2409/97/RCP).

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-intimati dejjem kellhom l-intenzjoni li jikkontestaw it-talbiet attrici u li dan ma sarx tempestivament kien dovut ghal zball genwin li sar mid-difensur taghhom fil-kalkolu ta' meta tali att kellu jigi pprezentat, u l-intimati qaghdu fuqu, versjoni li fil-verita' ma hija bl-ebda mod kontradetta u ghalhekk japplikaw ghal dan il-kaz il-principji enuncjati fis-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fis-16 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet '**Mediterranean Diamonds Limited vs Sonia Bajjada**' - Cit Nru 2331/99/RCP fejn wara li ghamlet referenza ghal diversi sentenzi ohra moghtija minnha fosthom **"David Jones vs Joe Pace"** (RCP. 16.11.1998); **"Angelo Vella vs Michael Ciappara"** (RCP. 10.6.1999.); **"Dr. Christopher Muscat M. D. vs Raymond Bugeja"** (RCP. 16.3.1999); **Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Subaru et"** (RCP 21.4.1999.); **"Golden Gate Ltd vs Meliton Group Limited"** (RCP. 6.5.1999), *"ghall-izball ta' terz m'ghandux jigi pregudikat il-konvenut li jiddefendi l-kawza tieghu, u dan anke fid-dawl tal-principju "audi alteram partem"*. (**"Dr. Christopher Muscat vs Raymond Bugeja."** – P.A. (RCP) - 16.3.1999**); "Avukat Generali vs Olaf Cini"** – P.A. (RCP) – 18 ta' Mejju 2000). Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti odjerni qed tigi milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi tiddikjara li l-konvenuti Mariano Farrugia et irnexxielhom jiggustifikaw il-kontumacja taghhom, u **ghalhekk tilqa' t-talba taghhom kif kontenuta fir-rikors taghhom tal-15 ta' Dicembru 2010**, u tawtorizzahom sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jipprezentaw risposta guramentata skont il-ligi.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-istess konvenuti Mariano Farrugia et.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------